MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 26/1995/2

**Joe Attard ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**-vs-**

**Loreto Attard u b'digriet tat-22 ta' Mejju 1995 gie kjamat fil-kawza Anthony Attard**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta illi l-konvenut, fit-2 ta' Mejju 1994 waqt li kien qed jaghmel xoghol ta' demolizzjoni ta' bini qadim fi triq Cordina, Ghajnsielem, Gozo laqat high tension cable proprjeta' ta' l-attur nomine.

Illi d-danni sofferti mill-attur nominee bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-isemmi cable jammontaw ghal erba' mija u sittax liri Maltin u tliet u tletin centezmu (Lm416.33).

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 1 ta’ Novembru 1994 huwa baqa’ inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjarah responsabbli ghall-hsara kkawzata f’proprjeta’ ta’ l-attur nominee fi Triq Cordina, Ghajnsielem Ghawdex fit-2 ta’ Mejju 1994.
2. tikkundannah ihallas lill-attur nominee s-somma ta’ Lm416.33 in linea ta’ Danni sofferti mill-attur nominee bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess prorpejta’ kif fuq premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 1 ta’ Novembru 1994 u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-ecezzjonijiet tal-konvenut Loreto Attard fejn eccepixxa:

1. illi in linea preliminari din il-Qorti mhix kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza, stante illi l-esponenti mhux kummercjant u ma kienx qed jezercita att ta’ kummerc.
2. illi minghajr pregudizzju gahs-suespost, id-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront ta’ l-esponenti, ghaliex responsabbli gahll-hsarat de quo materjalment u legalment ma hemm hadd hlief Anton Attard.
3. salvi eccezzjonjiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikorstal-konvenut (folio 12) fejn talab il-kjamata in kawza ta’ Anthony Attard u d-digriet relattiv tal-Qorti, allura diversament preseduta li laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut kjamat fil-kawza Anthony Attard fejn eccepixxa:

1. ilil l-eccipjent ma jahti xejn ghall-hsarat li saru mill-konvenut Loreto Attard a dannu tal-Korporazzjoni attrici.
2. illi l-eccipjenti lanqas ghandu relazzjoni kuntrattwali mal-konvenut Loreto attard u jekk saret il-hsara minhabba negligenza jew nuqqas ta' hila fix-xoghol tieghu, ghandu jwiegeb ghall-hsara hu personalment jew il-kuntrattur li mieghu jahdem il-konvenut Loreto Attard u cioe' Jack Bugeja li ndahal ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet.
3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Ghall-pretensjonijiet tal-Korporazzjoni attrici, il-konvenut u l-kjamat in kawza, qeghdin jirrispingu kull addebitu ghall-hsara li giet maghmula lill-'high tension wire' tal-istess Korporazzjoni, liema cable gie milqut fil-kors ta' xoghol ta' skavar li kien qieghed isir f'proprjeta' tal-kjamat in kawza, per opera tal-konvenut Attard, li da parti tieghu, kien qieghed jesgwixxi dan ix-xoghol bhala impjegat ta' certu Jack Bugeja, li jirrzulta, kien il-kuntrattur imqabbad mill-kjamat in kawza.

Dawn il-fatti johorgu ezawrjentement cari mill-provi, kif johrog car ukoll il-fatt tal-hsara li saret lill-cable.

Ifisser allura, li minn fost il-konvenuti, Loreto Attard kien impjegat tal-kuntrattur Jack Bugeja, u l-konvenut l-iehor, kjamat in kawza, kien sid l-art, b'bini antik fuqha, li ried iwaqqghu u minfloku jibni 'showroom', kif fil-fatt ghamel.

Illi minn dan il-kwadru, u minghajr il-bzonn li l-Qorti tiddilunga, jirrizulta, fil-fehma taghha, li l-ebda wiehed mill-konvenuti ma jistghu jinstabu responsabbli ghall-hsara kkagunata. Fil-konfront ta' Loreto Attard ghaliex kien l-appaltatur, li mieghu kien impjegat, li kien obbligat iwiegeb ghall-ghemil tieghu. Dana apparti dak li dan il-konvenut eccepixxa fl-ewwel eccezzjoni tieghu. F'din l-eccezzjoni hu qajjem l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni '*rationae personae*' stante li mhuwiex kummercjant, fatt li hu ndubitat fil-kuntest tal-provi. Fuq kollox jirrizulta wkoll li kien l-istess appaltatur li kien iddikjara ma' sid l-art, il-kjamat in kawza, li kien ser jiehu hsieb hu u li tabilhaqq il-konvenut Attard jidher li skava biss entro l-perimetri tas-sit u ghalhekk u f'kull kaz jonqos dak l-element ta' prevedibbilita' jgifieri li ma agixxiex *qua bonus pater familias*. Fir-rigward il-konvenut l-iehor, il-kjamat in kawza, certament hu ma jistax jinstab responsabbli fuq il-fatt biss li kien sid l-art u nkariga lil haddiehor jesegwixxi x-xoghol.

Ghaldaqstant, qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tal-Korporazzjoni attrici bl-ispejjez kollha a karigu taghha hlief dawk tal-kjamata in kawza li ghandu ibatihom il-konvenut Loreto Attard li fuq talba tieghu saret il-kjamata.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------